Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8746/19

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0081(COD)**

CODEC 998
EMPL 242
SAN 226
IA 140

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fil-5 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha[1], ibbażata fuq l-Artikolu 153(2)(b) u l-Artikolu 153(1)(a) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

4. Fis-27 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[3].

[1] 7733/18.
[2] ĠU C 440, 6.12.2018, p. 145.
[3] 7804/19.

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu
u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif stipulata fid-dokument
PE-CONS 3/19, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.